**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

*Kumpilazzjoni Nru. 47/2016*

Illum, 15 ta' Lulju, 2019

**Il- Pulizija**
**(Spettur Rennie Stivala)**
**(Spettur Melvyn Camilleri)**

**-vs-**

**Patrick Ryan Mc Gahern, detentur tal-Karta tal-Identita' numru 330205L**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Patrick Ryan Mc Gahern** u ċioè talli:

> Matul ix-xahar ta' Jannar, 2016, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin minnu li jiksru l-istess diżpożżizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Wettaq frodi b'egħmil qarrierqi billi b'meżżi kontra l-Liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann,

jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemen l-eżistenza ta' intrapiżi foloz, jew ta' ħila jew setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, biex jagħmel qliegħ għalih jew għal persuni oħra, b'valur li jeċċedi l-ħamest elef ewro (€5,000), għad-dannu ta' Elektra Limited, Master Enterprises Co Limited, Nola Ltd., WJA Distributors, u Beta Centre fost l-oħrajn;

2. Bi ħsara ta' ħaddieħor, għamel xi qliegħ ieħor b'qerq ta' aktar minn ħamest elef ewro (€5,000);

3. Fl-istess dati, ħin, lok u ċirkostanzi, għamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħoloq pattijiet, dispożizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien minn obbligi, jew billi daħħal dawn il-pattijiet, dispożizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawn l-atti jew skritturi wara li ġew iffurmati, inkella billi żied jew biddel klwasoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

4. Fl-istess dati, ħin, lok u ċirkostanzi xjentement għamel użu mill-istess atti, skritturi jew kitba falza;

5. Talli wettaq serq ta' diversi oġġetti mir-residenza ta' missieru bl-indirizz ta' 182, Shamrock, Triq il-Friefet, Marsaskala, liema serq hu kwalifikat bil-valur u bil-lok;

6. Talli kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta' proviżorja imposti mill-Qorti tal-Maġistrati preseduta mill-Maġistrat Dott. Aaron Bugeja LL.D., f'dan li ma jikkommettiex delitt ieħor ta' natura volontarja waqt li jkun meħlus mill-arrest, fost kundizzjonijiet oħra kif ordnat li jagħmel mill-istess Qorti u dan bi ksur tal-Artikolu 579(2) tal-Liġijiet ta' Malta. Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija tirrevoka l-ħelsien mill-arrest tal-imsemmi Patrick Ryan Mc Gahern u tordna l-arrest mill-ġdid tal-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somma ta' €5,000 bħala garanzija personali jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579 (2) (3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

7. Talli għamel reat waqt perjodu operattiv ta' ordni ta' probation mogħtija lilu mill-Maġistrat Natasha Galea Sciberras LL.D., nhar is-16 ta' Frar 2015, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula;

8. B'hekk irrenda ruħu reċidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Il-Qorti ġiet wkoll ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' sejbien ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għal ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semghet il-provi tal-prosekuzzjoni

Rat ir-rikors kongunt prezentat nhar il-5 ta' Lulju, 2019, mill-Avukat Generali u l-imputat permezz ta' liema, wara li ddikjaraw li qed jaqblu fit-termini tal-artikolu 392A(5) tal-Kodici Kriminali, talbu lil din il-Qorti biex fl-eventwalita` li jkun hemm ammissjoni da parti tal-imputat ghall-imputazzjonijiet kif dedotti fil-konfront tieghu, *tenendo* kont tal-fattispecie kollha tal-kaz, is-sanzjoni jew mizura li ghandha tigi inflitta fuqu minn din l-Onorabbli Qorti ghandha tkun wahda ta'prigunerija effettiva ghall-perjodu ta' erba snin u nofs kif ukoll il-konfiska tal-garanzija personali fl-ammont ta' hamest elef (€5,000), u dan oltre` kwalsiasi sanzjoni u/jew konsegwenza ohra konsegwenzjali ghad-dikjarazzjoni u sejbien ta' htija, fosthom il-hlas ta' l-ispejjez periali kollha jew f'ammont li din il-Qorti joghgobha tistabbilixxi.

Rat illi waqt l-udjenza tallum l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat :
Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Illi inkwantu ghall-piena din il-Qorti tirrileva li din is-sentenza qeghda tinghata wara li saret talba mill-partijiet permezz ta' rikors konguntiv mill-Avukat Generali u l-akkuzat a tenur ta' l-artikolu 392A(5)(6)(7) tal-Kodici Kriminali.

Illi wara li rat il-fedina penali netta tal-imputat u wara li rat in-natura serja tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, din il-Qorti hi sodisfatta li s-sanzjoni mitluba mill-partijiet hija tali li jkun leġittimu illi din tigi hekk imposta u dan ai termini tal-Artikolu 392A(7) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, wara li rat l-artikoli 7, 8, 9, 11, 14, 16, 17, 18, 19, 20, 22, 23, 31, 49, 50, 183, 184, 189A, 261(c)(e), 267, 269(g), 279(a)(b), 280(1), 289, 308, 309, 310(1)(a) u 579 tal-Kapitolu IX tal-Liġijiet ta' Malta, u tal-artikolu 23(1)(a)(2)(3)(4) tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba kontrih u tikkundannah ghal erba snin u nofs prigunerija.

Inoltre` wara li rat l-artikolu 579(1)(2)(3)tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, peress li l-imputat wettaq reat bi vjolazzjoni tal-kundizzjonijiet ghall-helsien mill-arrest hekk kif indikat fis-sitt imputazzjoni, il-Qorti qed tordna li l-ammont ta' hamest elef ewro (€5,000) stabbilit fil-helsien mill-arrest taht garanzija jigi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta.

Bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tordna lill-hati jhallas l-ammont ta' €1,497.87 rapprezentanti spejjez peritali.

Il-Qorti tordna li l-atti, flimkien ma kopja ta' din is-sentenza jigu mibghuta lill-Avukat Generali fi zmien sitt ijiem ta' xoghol.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**